# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Gunju, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 1230/10/1 MCH**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**v.**

**Carmel Spiteri bin Emanuel,**

**u**

**Carmel Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu nghad hekk:

"1. Illi ai termini tal-Att dwar l-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta) l-Awtorita rikorrenti ghandha s-setgha u l-funzjoni illi:

> tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-gdid, tamministra, taghmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tizgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment ghal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tizgura provdiment ta' servizzi ghal dawk l-ghanijiet u timmanigga u tikkontrolla kull xoghol mehtieg, inkluz l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ippjanar u l-ipprogrammar ghall-bini u l-formazzjoni mill-gdid ta' toroq ezistenti
>
> kif ukoll illi

tirregola t-trasport stradali, ir-registrazzjoni, licenzjar u l-uzu ta' vetturi

2. Illi nhar it-23 t'April, 2010 sehh incident fi Triq Aldo Moro l-Marsa meta excavator "JCB" fuq trailer migbud minn Heavy Goods Vehicle tal-ghamla "ERF" b'numru ta' registrazzjonl "HAS 817" misjuq mill-intimat Carmel Spiteri bin Emanuel (bil-karta tal-identita 2354G) u registrat f'isem l-intimat l-iehor Carmel Spiteri (bil-karta tal-identita 46150G), laqat l-*overhead footbridge* li jinsab fl-imsemmija triq [road accident report anness bhala Dok. TM1].

3. Illi dan l-incident ikkawza hsarat sostanzjali fil-pont, minbarra illi holoq inkonvenjent kbir stante illi t-traffiku kellu jigu devjat. Dan ghaliex it-triq in kwestjoni, li hija wahda mill-arterji stradali ta' Malta, kellha tinzamm maghluqa ghal diversi sighat ghal ragunijiet ta' sigurta sakemm saru l-accertamenti u t-tiswijiet ta' natura urgenti li kien hemm bzonn, B'zieda mat-tiswijiet urgenti, l-Awtorita fl-ezercizzju tad-dmirijiet u l-poteri taghha inkarigat kuntratturi sabiex iwettqu tiswijiet ohra ta' xejra izied permanenti wara illi hadet pariri professjonali minghand periti u esperti fil-qasam tal-istrutturi.

4. Illi dan sewa lill-Awtorita is-somma totali ta' hmistax-il elf, tmien mija u wiehed u sebghin ewro (€15,871.00) konsistenti in kwantu ghal €3,000 fi spejjez ta' tiswijiet ta' natura urgenti li twettqu dakinhar tal-incident, €7,721.60 fi spejjez ta' tiswijiet (inkluz prezz ta' materjal) li saru fil-granet u xhur ta' wara, €2,400 fi spejjez ta' konsulenza, €2,749.40 fi spejjez ta' *traffic management* (u VAT) li kien necessarju dakinhar tal-incident. Dan minbarra s-sighat ta' xoghol li dedikati minn impjegati u ufficjali tal-Awtorita sabiex jissolvew il-problemi ikkawzati minn dan l-incident [TM2 sa TM5].

5. Illi ghall-incident tat-23 t'April, 2010 u l-konsegwenzi tieghu jahti l-intimat Carmel Spiteri bin Emanuel, u dan minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tal-ligijiet u r-regolamenti tas-sewqan.

6. Illi inoltre irrizulta minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija illi l-vettura "ERF" involuta fl-incident lanqas biss kienet licenzjata skont il-ligi ghaliex il-licenzja sabiex tinsaq fit-triq kienet ilha li skadiet sa mill-2006. Irrizulta ulterjorment u konsegwentement li l-*licence plate* sabiex

jigbed trailer kienet ukoll skaduta mal-licenzja originali. Ta' dan huwa responsabbli l-intimat l-iehor, sid il-vettura Carmel Spiteri (416150G).

7. Illi r-rikorrenti formalment zammet lill-intimati responsabbli ghad-danni permezz ta' protest tat-12 ta' Mejju, 2010, liema protest baqa' minghajr risposta [TM 6].

GHALDAQSTANT, l-awtorita esponenti umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident tat-23 t'April, 2010 li sehh meta *excavator* "JCB" fuq trailer migbud minn *Heavy Goods Vehicle* tal-ghamla "ERF" b'numru ta' registrazzioni "HAS 817" laqat l-*overhead footbridge* fi Triq Aldo Moro, Marsa.

(ii) Tillikwida d-danni sofferti mill-Awtorita rikorrenti fis-somma totali ta' hmistax-il elf, tmien mija u wiehed u sebghin ewro (€15,871.00) jew somma verjuri likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo bl-intervent ta' periti *nominandi*;

(iii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-Awtorita rikorrenti s-somma msemmija ta' hmistax-il elf tmien mija u wiehed u sebghin ewro (€15,871.00) jew somma verjuri hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tat-12 ta' Mejju, 2010 u bl-imghax legali kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Carmel Spiteri (ID Nru 2354G) u Carmel Spiteri (ID Nru. 46150G) tat-28 ta' Jannar, 2011, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

"1. Illi l-ewwel talba tal-Awtorita rikorrenti in kwantu diretta kontra l-esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dan peress illi l-intimati mhumiex responsabbli ghall-incident de quo.

2. Illi t-tieni talba l-Awtorita rikorrenti ghandha ghalhekk tigi rigettata stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess rikorrenti. Fi kwalunkwe kaz u <u>minghajr pregudizzju ghall-premess</u>, l-entita' tad-danni pretizi mill-Awtorita rikorrenti huwa kontestat u ghaldaqstant l-istess ghandha taghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

> 3. Illi t-tielet talba l-Awtorita rikorrenti ghandha tkun michuda peress illi l-intimati m'ghandhomx jigu kostretti jhallsu ebda danni lill-istess rikorrenti.
>
> 4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.”

3. Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta’ Novembru, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

> “Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddikjara lil konvenut Carmel Spiteri ID 46150G responsabbli ghal hamsin fil-mija tal-hsara sofferti fil-bridge ta’ Triq Aldo Moro fl-incident mertu tal-kawza u lil-konvenut Carmel Spiteri ID 2354G ghal hamsin fil-mija tal-hsara sofferta fl-istess incident; tikkundanna lil konvenuti in solidum ihallsu d-danni sofferti fl-ammont ta’ €15,571, bl-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut fil-kwoti tar-responsabilta taghhom u bl-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tal-kawza cioe mis-26 ta’ Novembru 2010.”

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Din hi kawza ghad-danni sofferti mill-Awtorita konsegwenza ta’ incident stradali li sehh fit-23 ta’ April 2010 ghal habta ta’ 12.30pm fi Triq Aldo Moro fid-direzzjoni tal-Belt. Il-konvenuti imharka kienu Carmel Spiteri ID 46150G li hu l-proprjetarju tal-vettura li allegatament ghamlet il-hsara u Carmel Spiteri ID 2354G, is-sewwieq tat-trailer imghobbi b’excavator li bih gie kommess l-allegat dannu u li hu impjegat tal-istess Carmel Spiteri l-konvenut l-iehor.
>
> Ghalkemm irrizulta illi t-trailer hu proprjeta tal-kumpanija Tal-General li wkoll timpjega lil Carmel Spiteri ID 2354G, il-konvenut l-iehor, ma saret ebda eccezzjoni formali f’dan is-sens u l-Qorti ghandha tassumi li l-konvenut Carmel Sptieri ID 46150G qed jaccetta li hu l-legittimu kontradittur tal-azzjoni imressqa fil-konfront tieghu.
>
> L-incident fil-qosor sehh hekk. Carmel Sptieri ID 46150G kellu xoghol ghaddej fic-cimiterju tal-Addolorata u ried li l-excavator li kien qed jintuza jittiehed fil-garaxx tas-socjeta f’San Gwann. Ghalhekk inkariga lil Sammy Hili itella’ l-excavator fuq it-trailer, bil-konvenut l-iehor Carmel Sptieri jsuq it-trailer imghobbi bl-excavator lejn il-garaxx, segwit min Joseph Tonna li hu mechanic, kollha impjegati tas-socjeta Tal-General biex jara li l-excavator ikun qed jahdem sew u jista’ jitla’ u jitnizzel mit-trailer.
>
> L-excavator tghabba u Carmel Spiteri l-impjegat saq it-trailer u hu u ghaddej minn taht il-pedestrian bridge fi Triq Aldo Moro, l-excavator

laqat il-genb tal-pont u sehhet il-hsara fil-pont u fl-excavator. Bid-daqqa l-excavator iggenneb lejn ix-xellug u parti minnu spicca l-barra mit-trailer.

L-Awtorita tikkontendi li l-hsara sehhet b'negligenza taz-zewg konvenuti.

Il-hsara

L-atti tal-inkjesta u x-xhieda tal-partijiet involuti ma jhallu ebda dubju illi l-hsara sehhet ghax l-excavator li tghabba fuq it-trailer min Sammy Hili ma inghalaqx sew u parti mill-'arm' tal-istess excavator thalliet imghollija wisq tant li meta t-trailer imghobbi kien ghaddej minn taht il-pont parti mill-excavator laqat il-genb tal-pont bil-konsegwenti hsara li sehhet. Fil-fatt fl-atti tal-inkjesta hi l-opinjoni tal-espert imqabbad mill-Qorti l-perit Richard Aquilina li jghid illi l-excavator kellu r-ram (hadida li thaddem il-parti ta' isfel tal-arm) imghawga u imqaccta. Dan ir-ram hu tal-azzar qawwi u ghandu djametru ta' circa 10cm. Din il-hsara tindika li kien hemm daqqa qawwija. Fil-konkluzjoni zied li l-hsara fir-ram u excavator jindikaw li l-excavator ma kienx maghluq u bl-arm imnizzla meta sar l-incident (fol. 343 u 344 tal-process). P.S. Anthony De Giovanni li mar fuq il-post tal-incident ftit hin wara l-incident qal li ra fuq il-post il-JCB (cioe l-excavator) li kellu s-sieq imtella'.

Dan kollu hu konfermat mix-xiehda ta' Sammy Hili ta' 24 sena impjegat u neputi tas-sid Carmel Spiteri meta quddiem din il-Qorti jghid illi l-bucket tal-excavator, darba li dan kien fuq it-trailer, hallih imiss mal-karru tal-low loader (trailer). Seta' ghalqu iktar billi l-bucket tnizzlu ghal taht l-excavator izda dan ma ghamlux u ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex ma ghamilx hekk. Kull ma qal hu illi Carmel Sptieri s-sid u principal ma kien tah ebda struzzjonijiet (ara fol. 246 et seq. u senjatament fol. 255 tal-process u fol. 74 u 75 meta xehed fl-inkjesta). Spjega wkoll illi tghallem isuq l-excavator wahdu billi kien ikun ghand iz-ziju, jarahom isuqu u tghallem. Iz-ziju qatt ma gibidlu l-attenzjoni li ghandu jnizzel il-jib tal-excavator meta jitghabba fuq it-trailer.

Ma hemm xejn fl-atti li juri illi l-kawza tal-hsara ma kinitx precizament il-pozizzjoni imghollija tal-jib jew arm fuq it-trailer li laqtet il-footbridge fi Triq Aldo Moro.

Responsabilta

Il-Qorti tqis illi l-provi migjuba jwasslu lil din il-Qorti ghal konvincement illi l-Awtorita adempiet l-obbligu f'kawza ta' responsabilta extra kontrattwali, mhux biss li tipprova d-dannu izda li dan id-dannu kien il-konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenuti illi ghandhom jassumu responsabilta ghall-incident ghalkemm fi proporzjon mhux indaqs.

In kwantu ghal principal Carmel Spiteri, sid il-vetturi in kwistjoni, jirrizulta illi ghalkemm hu ta l-ordni biex jigi trasportat l-excavator fuq it-trailer lejn il-garaxx tas-socjeta li taghha hu direttur, naqas li jaghti d-

debita attenzjoni u kawtela ghad-dover tieghu bhala principal. Il-fonti tar-responsabilta tieghu tinsab fil-culpa in eligendo applikabbli f'sitwazzjonijiet ta' natura extra kontrattwali. Jirrizulta, ghalkemm mhux ta' rilevanza diretta ghal habta, illi t-trailer HAS817 kellha licenzja skaduta mill-31 ta' Awwissu 2006 u kien hemm iktar minn €3,000 f'multi pendenti. Dan ma hux direttament konness mal-kollizzjoni izda juri komportament xejn prudenti da parti ta' Carmel Sptieri ID 46150G. Dan il-komportament ikompli juru nuqqas ta' serjeta fit-tmexxija tal-azjenda u kontroll fuq il-haddiema meta l-provi juru illi s-sewwieq Carmel Spiteri kien ilu impjegat ma Carmel Spiteri ID 46150G il-konvenut l-iehor xi erba' xhur biss. Dan Carmel Spiteri, is-sewwieq, li ghandu 61 sena, kellu esperjenza ta' sewqan ta' trailer fil-freeport u licenzjat almenu mill-1990 izda qatt ma kellu esperjenza fis-sewqan ta' trailer jew low loader b'excavator fuqu u din kienet l-ewwel darba li qatt saqu (ara fol. 244 tal-process). Jekk Carmel Spiteri ma kienx jaf b'dan, aktar u aktar hemm il-prova tan-nuqqas tieghu li jkun fil-fatt diligenti fid-doveri tieghu ta' principal.

In oltre ma jidhirx illi Carmel Sptieri, il-principal, ghamel xi supervizjoni tal-operazzjoni ta' tghabija tal-excavator fuq il-low loader izda halla f'idejn in-neputi Sammy Hili. Dan Sammy Hili li kellu 24 sena xehed illi hu ma giex imghallem jaghmel dan ix-xoghol izda kien joqghod jinnota lil zijuh fil-garaxx u tghallem b'dan il-mod. Hadd ma qallu sabiex meta jghabbi l-excavator kellu jassigura li l-id tal-excavator tkun imbaxxija ghal massimu taghha u mistoqsi ghalfejn dan ma ghamlux, hu ma kellux risposta ghal dan. In-nuqqas ta' Carmel Spiteri, il-principal, li jaghti taghlim u struzzjonijiet specifici ghall-garr ta' makkinarju kbir u potenzjalment perikoluz ghal utenti ohra tat-triq jekk ma jkunx immanigjat sew juri nuqqas serju ta' management skills u doveri ta' principal li jghallem b'mod konkret u serju lil impjegati tieghu kif joperaw makkinarju ta' din ix-xorta.

Dawn il-fatti fil-fehma tal-Qorti juru nuqqas serju ta' Carmel Spiteri ID 46150G li jqabbad persuni adegwatament kapaci u imghallma li jezegwixxu operazzjonijet bhal din in kwistjoni bid-debita kawtela u prekawzjoni necessarja biex la jkunu ta' periklu ghalihom infushom u aktar ghal terzi li jkunu jsuqu fit-triq. Hi l-fehma tal-Qorti illi mhux necessarjament li jkun hemm kwazi delitt da parti tal-awtur tal-fatt, ghax il-persuni dikjarati responsabbli mill-ligi huma tenuti mhux minhabba l-htija ta' min ikkometta l-fatt, imma minhabba l-htija taghhom proprju billi ma impedewx il-fatt u jirrispondu ghax bhal dan il-kaz ittraskuraw id-dover taghhom ta' datur tal-lavur li ghandhom jassikuraw li l-impjegati jkunu imghallma jew ippruvat li huma kapaci li jaghmlu x-xoghol afdat lilhom. Irrizulta l-kuntrarju f'dan il-kaz, u kienet parti sostanzjali r-raguni ghall-incident (ara f'dan is-sens Eddie Fenech Adami noe vs Carmelo Bonello, App 28/06/2002, u Tabib Jospeh Grech vs Kummisarju tal-Pulizija, App 01/03/1988, bl-applikazzjoni tal-artikolu 1032 sa 1038 tal-Kap. 16). Il-Qorti tqis illi Carmel Spiteri ghandu jahti ghal hamsin fil-mija tar-responsabilta.

In kwantu ghal Carmel Spiteri, is-sewwieq, il-Qorti tqis li dan ukoll jahti ghal parti rimanenti tar-responsabilta ghas-semplici fatt illi hu kien qed isuq it-trailer u ghalkemm ma kienx involut fit-tghabija tal-excavator, xorta innota li dan kien imgholli u ma qal u ma ghamel xejn. Refa' fuqu ir-responsabilta li jsuq l-istess trailer bl-excavator kif kien u ghazel li jaghmel it-tragitt meta ma kellux esperjenza ta' dan it-tip ta' sewqan ta' trailer b'excavator imghobbi fuqu, specjalment meta ex admissis kien konsapevoli li ma kienx maghluq sew. Hu assuma r-responsabilta ghar-riskju li ha meta avvicina l-bridge li kienet in plain view u ghalhekk kien konsapevoli ta' ostakolu quddiemu u kien ben konoxxenti tal-fatt li l-excavator ma kienx maghluq kollu u dan kollu b'zieda tan-nuqqas ta' esperjenza diretta ta' sewqan ta' tali vejikolu kif imghobbi. Hu baqa' ghaddej minn taht l-istess bridge bla ma irregola ruhu. Ghalkemm ma jirrizultax li kien ghaddej b'xi velocita partikolari, pero l-prudenza kienet tiddetta li ma jibqax ghaddej jekk mhux cert li seta' jghaddi b'inkolumita ghalih u ghal terzi. Ma hiex ta' ebda difiza ghalih li jixhed li ma kienx jaf li l-ecavator kif miftuh ma kienx ser ighaddi jew li ma kienx jaf li l-excavator kif kien miftuh kienet aktar gholja minn container li kien imdorri li jkollu fuq it-trailer. Tali konsiderazzjonijiet kellhom isiru qabel affronta l-bridge u mhux meta habat maghha. Il-prudenza kienet titlob li fid-dubju jiddesisti mhux jippersisti u ghalhekk irid jassumi r-responsabilta, ara f'dan is-sens Untours Insurance Agents Limited vs Etienne Saliba, (PA 29/01/2004). Fil-fehma tal-Qorti, meta tiqies ir-responsabilta tal-principal, is-sewwieq ghandu jbati n-nofs l-iehor tar-responsabilta cioe hamsin fil-mija.

Saret enfasi mill-konvenuti illi ma kien hemm ebda senjaletika tal-gholi tal-bridge fiz-zmien tal-incident u dan seta' kien ir-raguni tal-incident jew almenu ikkontribwixxa ghall-incident. Hu pruvat li fil-fatt fiz-zmien tal-incident ma kienx hemm senjaletika tal-gholi massimu ta' vetturi jew makkinarju li seta' jghaddi minn taht il-pont (ara xiehda ta' Spettur Joseph Agius fol. 166 et seq. tal-process). Pero din il-Qorti ma tqis li n-nuqqas ta' sejaletika kienet ir-raguni jew ikkontribwiet ghall-incident.

Jibda biex jinghad illi jirrizulta mix-xiehda tal-Professur Alex Torpiani li kien inkarigat mill-Qorti inkwirenti jaghmel rapport dwar il-hsarat u t-tiswijiet necessarji, illi l-pont mhux suppost li ghandu dizlivelli minhabba t-triq u illi hu ta' 5.2 metru gholi li hu aktar minn norma. Dan ifisser li l-pont hu regolarment kostruit. In oltre, il-habta ma sehhitx minhabba n-nuqqas ta' senjaletika tal-gholi tal-pont izda minhabb l-inesperjenza fis-sewqan ta' dan it-tip ta' makkinarju imghobbi fuq trailer u n-nuqqas ta' proper lookout u diligenza tal-istess sewwieq li jqis li dak li kien qed igorr ma kienx stivat b'mod li jxejjen kull periklu u li ma jkunx portenzjalment ta' periklu hu u ghaddej minn triq li fiha kien konsapevoli li hemm pedestrian bridge. Is-senjaletika, fil-fehma tal-Qorti ma kinitx ser tinduci lis-sewwieq jaghmel xi haga differenti minn dak li ghamel ghax hu ma tax kaz x'gholi ta' makkinarju kien qed igorr u baqa' ghaddej.

Saret ukoll enfasi fuq habtiet ohra li sehhew mal-istess pont. Din il-prova fil-fehma tal-Qorti ma turix xi nuqqas da parti tal-Awtorita izda

nuqqas f'min kien qed isuq. Fil-fatt jissemmew zewg incidenti antecedenti ta' rilevanza, wiehed fl-1995 u iehor fis-sena 2000. Fiz-zewg kazijiet intlaqghat it-travu tal-genb tal-pont, darba minn trakk u darba minn trailer. Fiz-zewg okkazjonmijiet il-Professur Torpiano iccertifika l-hsara u t-tiswija li rega' gab il-pont fl-istess stat tajjeb li suppost kien qabel il-hsara (ara xhieda tal-perit Walter Portelli fol. 176 tal-process u x-xhieda tal-Professur Torpiano fol. 158 et seq. tal-process). Dawn l-incidenti ma jfissrux li n-nuqqas ta' senjaletika ikkagunat l-incident, tant li ma ingiebet ebda prova li turi dan. L-unika konsiderazzjoni li tista issir hu illi fuq perjodu ta' 15-il sena sehhew tlett incidenti minhabba nuqqas ta' proper lookout ghal dak li kien hemm in plain view tas-sewwieq hu u jaffronta l-istess pont. Meta wiehed iqis l-eluf kbar ta' vetturi li jghaddu minn din l-arterja principali ta' Malta, tlett incidenti ma jikkostitwixxu ebda prova favur il-konvenuti.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi ma hemm ebda skuzanti jew element ta kontributorjeta li jistghu ixejnu r-responsabilita tal-konvenut fil-proporzjon hawn deciz.

Danni

L-Awtorita attrici ipprezentat diversi ricevuti ta' spejjes li nefqet kemm ghat-tiswija provvizorja urgent dakinhar tal-incident u ghat-tiswija permanenti li saret wara (ara fol. 12 et seq. tal-process). Il-perit Godwin Zammit ikkonferma l-hlasijiet li saru (ara fol. 60 et seq. tal-process). Rigward il-hlasijiet li saru bl-urgenza dakinhar tal-incident ma intalbet ebda stima a priori pero kif xehdu l-periti tal-Awtorita li marru fuq il-post ftit wara l-incident, tant kien hemm konfuzjoni ta' traffiku u paniku ghal utenti li whud minnhom riedu jmorru l-ajruport illi ippruvaw jikkuntattjaw dawk il-kuntratturi li setghu kienu fil-vicinanzi u li setghu jigu malajr fuq il-post biex jeliminaw il-periklu u jinfethu whud mill-karriggjati ghat-traffiku. Dawn il-kuntratturi kienu fost lista ta' persuni li l-Awtorita kellha bhala dawk licenzjati u li kienu affidabbli ghax-xogholijiet (ara xhieda tal-perit Odette Lewis fol. 35 u 92 tal-process, perit Daniel Cordina fol. 127 tal-process, u perit Gordon Zammit fol. 60 tal-process). Il-hsara kienet tinnecessita intervent immedjat ghax dan gie certifikat mill-istess Professur Torpiano li issejjah fuq il-post. Ix-xhieda tieghu fol. 158 tal-process tiddeskrivi n-natura u l-entita tal-hsara fejn l-istess perit jistqarr illi t-travu ta' barra intlaqghat b'daqqa kbira tant li anki r-rampi tal-gnub kellhom konsenturi u kien hemm xquq fil-konkos. It-travu kein prestressed u meta jitlef il-qabda jista' jkun ta' periklu ghax jitlef il-qabda. B'hekk kellu jigi accertat malajr l-estent tal-hsara billi jingiebu persuni biex jikxfu l-hsara billi jnehhu l-bicciet tal-konkos li kienu ghadhom imdendlin. In kwantu ghat-tiswijiet ta' natura permanenti, kien l-istess Professur Torpiani li issugerixxa min kien il-kuntrattur idoneju biex jitqabbad.

Il-konvenuti jgibu l-argument illi l-Awtorita ma imminimizzatx id-danni ghax ma gabitx stima u ma ikkontrollatx l-ispiza. L-unika allegazzjoni pero li saret hi rigward il-bollards li skond id-difensur ta' wiehed mill-konvenut li mar fuq il-post ftit wara l-incident kien hemm ftit hafna

minnhom li jiggustifika l-kont qawwi tieghu. Dan hu kontradett mix-xhieda tal-perit Daniel Cordina li qal li kien hemm bollards ghal tul ta' bejn 200 u 300 metru.

Din il-Qorti, meta tqis ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-emergenza li inqalghet u l-bzonn impellenti li arterja principali ta' Malta ma tibqax maghluqa indefinitivament, ma tqis xejn irragonevoli fil-kontijiet u hlasijiet maghmula u del resto ma ngibitx prova mill-konvenuti li l-hlasijiet ma kienux necessarji jew esagerti. Tali prova kienet tispetta lilhom. Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba ghal hlas tal-ammont ta' €15,871 hi gustifikata."

5. Rat ir-rikors tal-appell taz-zewg konvenuti li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-aggravji taghhom u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi, deciza fit-23 ta' Novembru, 2015, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, fejn talbet lil din Qorti sabiex tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

7. Rat li din il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-15 ta' April, 2021.

8. Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawza mressqa mill-Awtorita` attrici, hija wahda ta’ danni wara incident, fejn jinghad li makkinarju li kien qieghed jingarr fuq *low loader* proprjeta` ta’ Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G), u misjuq mill-konvenut l-iehor Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 2354G), baqa’ diehel fil-pont li jaqsam it-Triq Aldo Moro, l-Marsa, bil-konsegwenza li kkawzaw danni lill-Awtorita`, li hija tikkontendi li jammontaw ghas-somma ta’ €15,871. Kwindi l-Awtorita` attrici talbet lill-Qorti sabiex (i) il-konvenuti jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghall-imsemmi incident li sehh fit-23 ta’ April, 2010; (ii) jigu likwidati d-danni mgarrba minnha fl-ammont ta’ €15,871, jew somma verjuri likwidata mill-Qorti; u (iii) li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu l-imsemmija somma ta’ €15,871. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti.

10. Il-konvenuti wiegbu t-talbiet attrici billi cahdu r-responsabbilita` ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk fissru li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li m’hemmx danni x’jigu likwidati. Huma kkontestaw l-entità tad-danni pretizi mill-Awtorita` attrici, kif ukoll li kien mehtieg li l-attrici taghmel il-prova tad-danni skont il-ligi. Fi kwalunkwe` kaz, it-talbiet attrici kellhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenuti li ma kellhomx iwiegbu ghad-danni.

11. L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat liz-zewg konvenuti responsabbli ghall-incident in kwistjoni fil-kwota ta’ hamsin fil-mija kull

wiehed, u kkundannat liz-zewg konvenuti jhallsu *in solidum* d-danni mgarrba mill-attrici fis-somma ta' €15,571. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, skont il-kwota tar-responsabbilita` taghhom u bl-imghax jiddekorri mis-26 ta' Novembru, 2010, data tal-prezentata tal-kawza.

12. Il-konvenuti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew appell minnha. L-appell taghhom jissejjes fuq tliet aggravji principali: (I) li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi in kwantu rriteniet lill-appellanti responsabbli ghad-danni allegatament imgarrba mill-attrici appellata; (II) li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta giet biex titratta il-*quantum* tad-danni reklamati mill-attrici appellata; u (III) li l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellanti jhallsu *in solidum* is-somma reklamata mill-attrici appellata ghaliex la saret talba f'dan is-sens u lanqas jirrizultaw l-elementi mehtiega ghall-kundanna *in solidum,* peress li l-ewwel Qorti qasmet ir-responsabbilita` f'percentwali imputabbli lil kull wiehed mill-appellanti u ghalhekk ma kellhiex tikkundannahom ghall-hlas *in solidum* bejniethom.

13. Illi ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-appellanti fejn jikkontestaw ir-responsabbilità taghhom. Fir-rigward tal-kawza prossima ghall-incident, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-agir ta' Carmel Spiteri (is-sewwieq) kien determinanti ghall-akkadut, in kwantu kien tassew negligenti fl-agir tieghu. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-23 ta' Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet

**Giuseppa Debono v. Philip Camilleri et** (Vol.XLVI.I.112), sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li huwa fl-obbligu li josserva kull hin:

> *"1. Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkustanzi tal-mument bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u rapporti ohra kontingenti ;*
>
> *2. Hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable and careful lookout", liema dmir… igib mieghu wkoll dak li driver jara dak li huwa ragonevolment vizibblli. "*

Fir-rigward ta' dan it-tieni obbligu li jissejjah ukoll "*proper lookout*", fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Laferla** u **Il-Pulizija v. Vella**, kien inghad li – *the duty to look implies the duty to see what is in plain view.* Filwaqt li fis-sentenza Ingliza **Newhaus N.D. v. Bastion Insurance Company Co. Ltd.** (1968) kien rilevat li

> "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead; it includes an awareness of what is happening in one`s immediate vicinity*."

L-obbligu li ghandu sewwieq fis-sewqan tieghu huwa li juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus paterfamilias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkostanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq. Kwindi *"proper look out"* hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares 'il quddiem jew li jkollu vizwali cara, is-sewwieq irid ikun jaf x'qed jigri madwaru u mhux semplicement ihares 'il quddiem b'mod cass jew isuq bil-mod, sabiex ikun jista' jirregola s-sewqan tieghu skont il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom. Fin-

nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.

14. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghalkemm huwa minnu li ma jirrizultax li dakinhar tal-incident is-sewwieq kien qieghed jadopera sewqan eccessiv, kunsidrat il-vettura li kien qieghed isuq u aktar minn hekk, it-taghbija li kien qieghed igorr, kien jispetta lill-konvenut Spiteri bhala sewwieq, li jassigura l-kundizzjoni tal-vettura tieghu, inkluz fost affarijiet ohra, it-taghbija sabiex ma jkunux ta' perikolu kemm ghalih, kif ukoll ghal ohrajn (ara regolament 105 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq). Il-konvenut appellant gie nkarigat li jsuq vettura mdaqsa b'taghbija fuqha, kwindi kien mistennni minnu li gialadarba kien jaf bit-tragitt li kellu jaghmel mill-Marsa ghall-Iklin, huwa kien ben konsapevoli li kellu jghaddi minn taht il-pont in kwistjoni u ghalhekk, ghalkemm ma kienx huwa l-persuna li rikkeb l-*excavator* fuq il-*low loader,* certament kien mistenni minnu li jaccerta ruhu dwar it-taghbija li kien ser igorr, inkluz l-istabilita` u l-gholi taghha, kif ukoll li din ma tkunx ta' perikolu ghalih jew ghal proprjeta` ta' terzi. F'dan il-kaz, mill-mistoqsija maghmula lill-konvenut mill-ewwel Qorti jirrizulta li l-konvenut meta telaq bl-*excavator* fuq il-*low loader,* lanqas biss gietu f'mohhu li kellu l-excavator gholi hafna! (Ara fol. 243 u 244 tal-process).

15. Kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-appellanti, jirrizulta ampjament mill-provi li l-*excavator* kien mghobbi hazin u ma kienx

maghluq sew in kwantu, l-istess konvenut *a tempo vergine* stqarr mal-pulizija: "*Kont ghaddej minn Triq Aldo Moro, Marsa, fejn meta wasalt taht il-bridge,* ***il-gib tal-JCB kien mgholli*** *u habat mal-pont. Irrid inzid li mhux jien insuq il-JCB jien biss insuq it-trailer li jingarr fuqu l-istess JCB."* (ara Dok. AG1 a fol. 45 tal-process). Hekk ukoll quddiem l-ewwel Qorti l-konvenut xehed: "…*ghaddejt minn taht il-pont u habtet mieghu hux ghax ma nizzilx l-arm hux bizzejjed 'l isfel."* (fol. 241). Prova li qajla tista' tigi skartata. Hekk ukoll, mill-konkluzjoni tal-perit tekniku Richard Aquilina, mahtur mill-Magistrat Inkwirenti Edwina Grima, jirrizulta hekk:

> *"…Excavator kbir mghobbi fuq Low Loader imqabbad ma' ziemel Nru. HAS 817, kif jidher fir-ritratt Nru. 3. Dan kellu r-Ram (hadida li thaddem il-parti ta' isfel ta' l-Arm), mghawwga u mqaccta. Dan ir-Ram huwa ta' azzar qawwi u ghandu dijametru ta' cirka 10cm. Din il-hsara tindika li kien hemm daqqa qawwija.*
>
> *….****Il-hsara li kellu r-Ram ta' l-Excavator, tindika li l-Excavator ma kienx maghluq u bl-Arm imnizzla meta sar l-incident u cioè b'mod divers minn kif jidher fir-ritratt Nru. 3.****"*
>
> (Ara relazzjoni tal-perit a fol. 343 sa 346 tal-process. Enfasi ta' din il-Qorti).

Kunsidrat it-tragitt li l-konvenut sewwieq kellu jaghmel, kien jispetta lilu jassigura ruhu, li l-gholi tat-taghbija kienet wahda li setghet tghaddi minn taht il-pont in kwistjoni. Wara kollox, il-kaz odjern jinkwadra sew fil-parametri tal-provvediment tal-ligi fis-sens li, min bil-hsieb jew minghajr hsieb jaghmel hsara, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' ghaqal, ta' prudenza, jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk (Artikolu 1033 tal-Kodici Civili).

16. Il-konvenuti appellanti jikkontendu li kien tqieghed fl-impossibilita` li jassikura ruhu li ser jghaddi minn taht il-pont minghajr xkiel, peress li ma kien hemm l-ebda sinjaletika li tindika l-gholi tieghu. L-ufficjal tal-pulizija kkonferma li ma kienx hemm sinjaletika dwar l-gholi tal-pont. Mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina jirrizulta li l-pont huwa gholi 5.475 metru minn wicc it-triq, filwaqt li mix-xhieda tal-Periti Daniel Cordina u tal-Professur Alex Torpiano quddiem il-Magistrat Apap Bologna, fil-proceduri kriminali, irrizulta li skont normattiva pontijiet ghandhom ikunu gholjin hames metri, mentri dan il-pont jeccedi n-norma (ara fol. 398 u 403 tal-process). Ghalkemm huwa minnu li huwa xieraq li l-Awtorita` tinstalla sinjali li jindikaw l-gholi tal-pont in kwistjoni, dan il-pont certament kien vizibbli u mhux xi haga li s-sewwieq ma setax jipprevedi, jew inhasad ghall-gharrieda bil-presenza tieghu, in kwantu dan il-pont huwa "*in plain view"* ta' kull sewwieq li jghaddi mit-triq Aldo Moro. Kwindi sewwieq ta' vetturi ta' certu kobor, kif inhu l-konvenut appellant, li jsuq bid-diligenza, seta' facilment jevita incident bhal dak in ezami, billi jaghmel l-accertamenti mehtiega qabel ma jitlaq ghat-tragitt. Din il-Qorti taqbel mal-analizi maghmula mill-ewwel Qorti fis-sens li l-incident ma sehhx minhabba n-nuqqas ta' sinjaletika tal-gholi tal-pont, izda peress li s-sewwieq lanqas biss ta kaz tal-gholi tal-makkinarju li kien qieghed igorr u baqa' ghaddej. Isegwi li n-nuqqas ta' prudenza u n-negligenza da parti ta' dan il-konvenut appellant kienu determinanti ghall-fatt li sehh l-incident in ezami.

17. Imiss li jigi trattat it-tieni punt taht l-ewwel aggravju, dak fejn tigi kkontestata r-responsabbilita` ta' Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G), peress li fl-ewwel lok il-*low loader* u l-*excavator* mertu tal-kawza odjerna huma proprjeta` tas-socjeta` tal-General Company Limited u kwindi jsostnu li huwa nkoncepibbli li huwa bhala direttur tal-imsemmija socjeta` jigi tenut personalment responsabbli ghall-allegat nuqqas tal-haddiema tas-socjeta` li taghha huwa direttur. Jikkontestaw dak li jinghad mill-ewwel Qorti li ladarba ma tressqet l-ebda eccezzjoni li Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G), m'huwiex legittimu kontradittur huwa kien qieghed jaccetta li l-azzjoni saret sew u dan fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenuti appellanti.

18. Ghandu jinghad li din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni li Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G) m'huwiex legittimu kontradittur strettament kellha titqajjem permezz ta' eccezzjoni *ad hoc* u mhux issir referenza ghall-ewwel eccezzjoni generali li t-talba attrici "*hija nfondata fil-fatt u fid-dritt*". Izda peress li l-eccezzjoni tal-illegittimita` tal-persuna hija perentorja tal-gudizzju ghaliex jekk tintlaqa' fil-konfront tal-istess appellant, il-gudizzju jaqa' u jispicca, "*Ghalhekk dik l-eccezzjoni tista' titqajjem ukoll f'kull stadju tal-process imqar fil-grad tal-appell*," (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-**ismijiet Stephen Scicluna v. Perit Claude Busuttil**, deciza fis-16 ta' Dicembru, 2019), din il-Qorti ser tindirizza din l-eccezzjoni wkoll.

19. F’dan ir-rigward, jigi nnutat li huwa minnu li filwaqt li mir-rapport tal-incident irrizulta li l-konvenut Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G), gie indikat bhala s-sid tal-vettura HAS 817, (ara fol. 45), mill-atti jirrizulta kemm mix-xhieda ta’ Brian Farrugia, ufficjal legali ma’ Trasport Malta, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (fol. 367 tal-process), kemm mis-sistema PIRS (fol.324, 325 tal-process), kif ukoll mix-xhieda tal-istess konvenut, li din il-vettura hija tal-kumpanija Tal-General Limited. Hekk ukoll Sammy Hili, Joseph Tonna, il-mekkanik u lill-konvenut l-iehor Carmel Spiteri, aktarx li kienu impjegati mal-istess kumpanija (fl-atti jirrizultaw biss dokumenti tal-ETC fir-rigward ta’ Joseph Tonna – fol. 469,470 tal-process). Izda min-naha l-ohra mhux kontestat li kien l-istess Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G), li nkariga lin-neputi tieghu Sammy Hili, u lill-konvenut l-iehor Carmel Spiteri, sabiex jghabbu l-excavator u johduha l-Iklin (ara xhieda 5 ta’ Novembru, 2014). Kwindi lil hinn mill-fatt ta’ ma’ min kienu mpjegati dawn il-haddiema, jibqa’ il-fatt li kien il-konvenut Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G), li qabbadhom dan l-inkarigu.

20. F’dan l-istadju, l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 1037 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn jinghad:

> *“Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta’ hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.”*

Il-Qrati applikaw il-principju ta' responsabbilta` ghall-*culpa in eligendo*, liema kuncett gie estiz fil-gurisprudenza taghna mhux biss ghall-mument meta l-istess persuna tigi ngaggata, izda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa’ hija responsabbli wkoll, jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b’negligenza u nuqqas ta’ hila skont il-provvediment tal-ligi fuq citat. (Ara f’dan is-sens is-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **It-Tabib Joseph R. Grech v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza fl-1 ta’ Marzu 1988, kif ukoll sentenza ta’ din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Roberta Fenech Gauci v. Korporazzjoni dwar is-Servizz ta’ l-Ilma et** deciza fil-5 ta’ Marzu, 2010). Indipendentement minn dan il-principju, kien dan Spiteri li ta l-ordni lill-Hili u lix-xufier Spiteri u ghalhekk ghandu jgorr ir-responsabilita`. Qabbad xufier li evidentement m’huwiex kompetenti u li ma ta kaz xejn u baqa’ ghaddej qisu xejn mhu xejn, tant hu hekk li l-esperti kkonfermaw li l-impatt kien wiehed vjolenti.

21. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis lill-konvenut appellant Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G) bhala legittimu kontradittur u ghalhekk l-eccezzjoni f’dan is-sens ma tregix. F’dan il-kaz irrizulta li s-sewwieq Carmel Spiteri, ghalkemm kien ilu s-snin isuq it-t*railers* bil-*containers,* izda qatt ma kellu esperjenza fis-sewqan ta’ *trailer* jew *low loader* b’*excavator* fuqu u din kienet l-ewwel darba li qatt saqu (ara fol. 244 tal-process). Izda aktar preokkupanti huwa dak li jirrizulta mill-atti dwar Sammy Hili, (n-neputi tal-istess Carmel Spiteri (bil-

Karta tal-Identita` 46150G)), li mix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti rrizulta li:

> "*Jiena ghabbejt il-hymac fuq it-trakk. Din ma kenitx l-ewwel darba li ghamilt dana. Gieli ghamilt dana t-tip ta' xoghol u dejjem ghaz-ziju tieghi…Hallejt il-jib wieqfa. Ma nafx ghaliex ma nizziltux*. ***Is-soltu dejjem hekk naghmel izda dan il-hymac kien akbar u l-bridge ta' Triq Aldo Moro kien baxx aktar milli hsibt… Nghid illi tghallimt insuq il-hymac wahdi****, kont inkun maz-ziju u kont noqghod narahom isuqu u tghallimt.* ***Gieli urieni z-ziju wkoll izda aktar wahdi tghallimt fil-bitha tan-negozju tieghu. Ma jidhirlix illi z-ziju qatt gibidli l-attenzjoni illi ghandi nnizzel il-jib meta nghabbu l-hymac****.*"
> (enfasi ta' din il-Qorti)

22. Mentri mix-xhieda tal-istess Hili quddiem l-ewwel Qorti (fol.255) jirrizulta:

> *"Qorti: L-excavator setgha jitbaxxa izjed?*
> *Xhud: Setgha*
> *Qorti: Setgha jitbaxxa aktar.*
> *Xhud: Iva.*
> *Qorti: Allura ghalfejn ma baxxejtux?*
> *Dr. Galea: Meta tghid setgha jitbaxxa izjed kif setgha jitbaxxa?*
> *Qorti: Il-bucket setgha jitbaxxa iktar*
> *Xhud: Tnizzlu ghal tahtha.*
> *Dr. Galea: U kien hemm xi raguni inti ghalfejn ma kontx nizziltu izjed?*
> *Xhud: Le le."*

Minn din ix-xhieda huwa evidenti li meta l-konvenut Carmelo Spiteri inkariga lil Hili jghabbi l-*excavator,* huwa kellu jkun ben konsapevoli li ma kienx qieghed iqabbad lil persuna kompetenti, peress li Hili ma kellux it-tahrig li huwa mistenni li jkollu persuna li thaddem dan it-tip ta' makkinarju goff. Kwindi kellu dmir akbar li jissorvelja lil Hili fir-rigward tal-inkarigu moghti lilu u dan ghar-raguni li Hili ma kellux il-hila jwettaq dak l-inkarigu. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li sabet lil Carmel Spiteri (bil-Karta tal-Identita` 46150G), ukoll ghandu

jwiegeb ghad-danni mgarrba mill-attrici appellata u ghalhekk l-ewwel aggravju ser jigi michud.

23. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-konvenuti appellanti jilmentaw dwar il-likwidazzjoni tad-danni u li kien obbligu tal-Awtorita` appellata li timminimizza d-danni. Jikkontendu li l-unika prova li tressqet hija x-xhieda tal-Perit Gordon Zammit li pprezenta l-kontijiet, liema kontijiet l-appellanti jsostnu li ma gewx debitament ikkonfermati bil-gurament. Il-principju ewlieni li jirregola l-piz probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, dak li fil-gurisprudenza taghna, jigi deskritt bhala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Huwa obbligu ta' min iressaq kawza quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti ghall-kaz tieghu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li ghandha tingieb quddiem il-Qorti l-ahjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawza. Tabilhaqq l-attrici appellata, permezz tal-lista tax-xhieda hija ndikat li kellha l-hsieb li tressaq bhala xhieda lir-rapprezentanti u impjegati tal-kuntratturi li wettqu x-xoghlijiet, sabiex jixhdu dwar l-imsemmija xoghlijiet, izda sfortunatament hija ma ressqitx dawn ix-xhieda. Minflok tressaq il-Perit Zammit li xehed permezz ta' affidavit li ta spjegazzjoni tal-ispejjez u pprezenta l-fatturi relattivi (Dok. GZ 1 sa Dok. GZ 4 a fol. 62 et seq tal-process) Hemm ukoll ircevuta esebita bhala Dok.GZ5, apparti dokumenti ohra li jixhdu l-hlas annessi mar-rikors promotur, filwaqt li l-konsulent Professur Torpiano kkonferma li thallas mill-Awtorita` appellata ghall-inkarigu moghti lilu (fol. 370). Madankollu,

jigi osservat ukoll li ghalkemm il-konvenuti appellanti kienu qeghdin jikkontestaw il-*quantum* td-danni, huma qatt ma kkontestaw il-validita` tad-dokumenti mressqa mill-attrici appellata, hlief f'dan l-istadju tal-kawza. Din il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li qatt ma saret kontestazzjoni fir-rigward tal-awtenticita` tal-imsemmija dokumenti.

24. Wara li din il-Qorti rat mill-gdid id-dokumenti kollha, inkluz l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-Perit Daniel Cordina, Manager fi hdan l-Awtorita` appellata, b'mod partikolari waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2012, dwar in-natura urgenti tax-xoghlijiet, l-estent tax-xoghlijiet urgenti, fejn qies li fic-cirkustanzi l-ammont mitlub mill-kuntratturi u mhallas mill-Awtorita` appellata kien wiehed ragonevoli, din il-Qorti ma tarax li l-agir tal-Awtorita` appellata kien b'xi mod censurabbli. Fic-cirkostanzi tal-kaz, fejn kellek triq arterjali ta' Malta bhalma hija Aldo Moro, il-Marsa, maghluqa ghal numru ta' sighat ma tarax li ghamlu hazin il-periti li bdew icemplu lill-kuntratturi diversi bil-ghan wahdieni li jsibu xi hadd vicin li seta' jaqdihom f'hin qasir. Dan ma kienx kaz fejn l-Awtorita` kienet qeghda thejji progett li setghet taghmel sejha ghall-offerti, fejn toqghod tevalwa u taghmel paragun bejn il-prezzijiet, sabiex taghzel l-aktar offerta vantagguza, izda kellek element ta' urgenza li kellu jipprevali. F'dan il-kaz, iz-zmien kien fattur essenzjali, sabiex certu xoghlijiet urgenti jsiru fl-iqsar zmien possibbli.

25. Hekk ukoll, jekk kemm il-darba l-konvenuti appellanti xtaqu jikkontestaw l-uzu ta' certu makkinarju (*truck mounted crane*) jew materjal (*galvanized steel)* adoperat, kif jaghmlu fir-rikors tal-appell, setghu jaghmlu mistoqsijiet fir-rigward, lill-periti li xehdu estensivament f'din il-kawza. Fil-kaz tal-*generator,* kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-appellanti, mill-provi jirrizulta li, dakinhar tal-incident l-ahhar zewg lanes infethu filghaxija, kwindi huwa verosimili li kien hemm il-htiega ta' *generator.* L-appellanti jkomplu jaghmlu hafna alluzzjonijiet ohra dwar numru ta' spejjez, bhal per ezempju l-htiega li jigi ngaggat il-Professur Torpiano, kunsidrat in-numru ta' periti prezenti fuq il-post tal-incident, izda dawn huma ritenuti pjuttost argumenti fiergha. Kunsidrat ir-responsabbiltajiet taghha rizultanti mil-ligi, jitqies li l-Awtorita` appellata agixxiet b'ghaqal li ngaggat Inginier Strutturali li kien kompetenti jiddetermina jekk l-integrita` tal-pont kenitx f'perikolu jew le, kunsidrat in-numru ta' nies li jghaddu minn taht dak il-pont u li juzaw l-istess pont ta' kuljum u ma tara xejn censurabbli fl-agir tal-Awtorita` li addottat il-mizuri prekawzjonali mehtiega qabel ma nfethet it-triq mill-gdid. Hekk ukoll, il-fatt li ttiehdu l-prekawzjonijiet sabiex jigi mmaniggjat it-traffiku, dawn mhumiex materja li wiehed seta' joqghod jikkontempla fit-tul, izda kienu mehtiega decizjonijiet fil-waqt, li certament kienu jinvolvu l-ispejjez, peress li r-rapprezentanti tal-Awtorita` ghamluhom fl-interess tas-sahha u s-sigurta` tal-utenti tat-triq. Lanqas huwa minnu li x-xoghlijiet rimedjali twettqu fuq jumejn kif jikkontendu l-appellanti. Kif jirrizulta mix-xhieda tal-periti nvoluti, huma dawk ix-xoghlijiet ta' natura urgenti li saru, sabiex

jitnehha l-perikolu twettqu dakinhar tal-incident u l-ghada tal-incident, izda wara kif jirrizulta wkoll mir-rapport tal-Professur Torpiano, ix-xoghol rimedjali u x-xoghlijiet specjalizzati li kellhom isiru wara, kienu maqsuma f'zewg fazijiet u ghalhekk ma hemm l-ebda prova li turi li l-ispejjez ma kinux gustifikati. Fil-kaz ta' kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni, il-konvenuti appellanti setghu jressqu prova li tikkuntrasta tali spejjez, izda kif osservat mill-ewwel Qorti, dan m'ghamluhx.

26. Lanqas l-argument li jaghmlu l-appellanti fis-sens li l-pont kien intlaqat diversi drabi ohra u ghalhekk mhux car jekk it-tiswijiet li twettqu kinux kollha rizultat ta' dan l-incident jew le ma jregix. M'hemmx dubju li l-impatt fl-incident in kwistjoni kien wiehed qawwi. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-Perit Odette Lewis, impjegata mal-Awtorita` appellata, izda wkoll mir-relazzjoni tal-perit Richard Aquilina, appuntat mill-Magistrat Inkwirenti, li jiddeskrivi "*l-hsara tindika li kien hemm daqqa qawwija".* Hekk ukoll il-Professur Torpiano xehed "*Jiena fil-fatt spezzjonajt il-bridge u rajt li kien hemm daqqa sostanzjali."* (fol. 369). Tenut kont ukoll ir-rapport tal-Professur Alex Torpiano, konsulent inkarigat mill-Awtorita` appellata dwar l-estent tal-hsarat u x-xoghlijiet rimedjali mehtiega (ara Dok AT1 a fol. 154 tal-process) u l-istima tax-xoghlijiet rimedjali ppreparata mill-kuntrattur wara li kkonsulta mal-istess Professur Torpiano (ara Dok. DC 3 a fol. 153 tal-process), ma hemm l-ebda prova li ssostni dak li qieghed jigi suggerit mill-appellanti. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, jirrizulta n-ness bejn in-nuqqas imputat lill-

konvenuti appellanti li wassal ghall-incident in ezami u d-danni mgarrba mill-attrici appellata u jsegwi li lanqas it-tieni aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

27. Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak fejn l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundannahom ihallsu *in solidum* is-somma reklamata mill-attrici appellata ghaliex la saret talba f'dan is-sens u lanqas jirrizultaw l-elementi mehtiega ghall-kundanna *in solidum,* peress li l-ewwel Qorti qasmet ir-responsabbilita` f'percentwali imputabbli lil kull wiehed mill-appellanti u ghalhekk ma kellhiex tikkundannahom ghall-hlas *in solidum* bejniethom. In kwantu ghat-talba attrici, jitqies li ma kien hemm l-ebda ostakolu li l-Qorti ssib lill-konvenuti solidalment responsabbli f'kaz li hija ma setghetx tiddetermina l-grad ta' responsabbilta` ta' kull wiehed minnhom. L-Artikolu 1050(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi determinata, min ikun bata l-hsara jkun jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand min irid minn dawk li hadu sehem fiha. Din il-Qorti hija tal-fehma li, dan l-aggravju tal-konvenuti appellanti huwa tajjeb, in kwantu f'dan il-kaz bejn iz-zewg konvenuti, m'hemmx solidarjeta` ghaliex giet stabbilita l-parti tal-hsara li kull wiehed minnhom ghandu jaghmel tajjeb ghaliha, apparti li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuti agixxew dolozament. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Alison Pace v. Christopher Agius et** deciza fit-23 ta' Novembru, 2020). Isegwi li l-ewwel Qorti ma mxietx sewwa meta

kkundannat lill-konvenuti appellanti sabiex ihallsu d-danni mgarrba mill-attrici appellata *in solidum*. Wiehed irid iffakkar li l-attrici appellata ma ressqitx appell minn dik il-parti tas-sentenza li qasmet ir-responsabilita` bejn il-konvenuti fis-sehem ta' nofs kull wiehed u, ghalhekk, din il-Qorti qajla tista' tirrevedi din il-konkluzjoni.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, tilqa' l-appell taz-zewg konvenuti limitatament fis-sens illi, thassar is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru, 2015, fejn ikkundannat lill-konvenuti appellanti jhallsu lill-Awtorita` *in solidum* bejniethom id-danni sofferti minnha, izda tikkonfermaha fil-bqija taghha, kemm in kwantu ddikjarat iz-zewg konvenuti responsabbli ghall-incident in kwistjoni fil-percentwal ta' hamsin fil-mija kull wiehed, kif ukoll fejn ikkundannat lill-istess konvenuti jhallsu lill-attrici appellata d-danni fl-ammont ta' hmistax-il elf, hames mija u wiehed u sebghin ewro, (€15,571), izda dan skont is-sehem rispettiv taghhom, bl-imghax jiddekorri mid-data tal-prezentata tal-kawza li wkoll ghandu jitqassam bl-istess percentwal.

B'dan illi, l-ispejjez in prim'istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez f'din l-istanza ghandhom jithallsu in kwantu ghal sehem

minn hamsa ($^{1}/_{5}$) mill-attrici appellata u erbgha minn hamsa ($^{4}/_{5}$) mill-konvenuti appellanti nofs kull wiehed.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr